MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 62/2014

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi hija kienet izzewget lil CB nhar it-22 ta’ Novembru 1997, u frott ta’dan iz-zwieg kien twieled il-minuri NB nhar il-21 ta’ Dicembru 2000;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet kien tkisser irrimedjabbilment, tant illi l-partijiet kienu bdew jghixu hajjithom separatament sa mis-sena 2009. Fil-fatt fis-sena 2010 kienu inkarigati avukati illi damu aktar minn sena jaghmlu trattattivi ghal separazzjoni personali konsenswali, u fil-fatt, il-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet kien gie ppublikat in atti tan-Nutar Dr Nicholas Briffa nhar l-24 ta’ Frar 2011 ;

Illi fl-20 ta’Diembru tas-sena 2013, kien publikat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Hall, illi kien jemenda il-kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 24 ta’ Frar 2011 ;

Ili ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

Ili ma hemm ebda problemi dwar manteniment ghall-minuri ;

Illi dawn il-fatti precitati jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju a tenur ta’ l-Artikolu 66B tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Illi peress illi l-esponenti ma kienitx utilzzat id-dritt taghha illi tirriverti ghal kunjom xbubitha fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali, hija tixtieq illi tirriverti ghal kunjom xbubitha mal-hall taz-zwieg taghha minn zewgha Alfred Darmanin ;

Talbet ghaldaqstant u in vista tas-suespost, li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Taqta'u tiddeciedi illi l-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Abela;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Marzu, 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Frar, 2011, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin

Illi ir-rikorrenti ippuvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt li tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Abela, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------